# I. Epigrammi Umoristiċi (iii)

## 41. L-GĦASFUR TAL-BEJT

Sew bħall-Maltin jgħix ġo daqsxejn ta' toqba,
ta' tfal jagħmel ċurmun u kollezzjoni,
u jgħix fil-faqar mill-ftit dud tal-gżira,
u bħall-Maltin ma jħobbx l-emigrazzjoni.

## 42. MALTEMP U ĦUT FRISK

Għal aktar minn xahar sħiħ ħadd fuq il-baħar
ma mar jistad, il-maltemp ħakem wisq;
ġor-ristoranti n-nies kollha ferħana
tixrob l-inbid u tiekol il-ħut frisk.

## 43. GUSTAVU

Gustavu kien xħiħ wisq, u jħobb ifaddal,
u jobgħod ferm lil kull min huwa ħali;
meta ma kienx ikollu bżonn iħares,
biex ma jaħlihx, ma kienx juża n-nuċċali.

## 44. IS-SALA TA' KATRIN

Katrin ma tħalli 'l ħadd jidħol fis-sala,
ara ma tmissilhiex imqar plattina!
fuq is-sufan qatt ħadd ma qagħad bil-qiegħda,
ħlief il-qattus li wżah bħala latrina.

## 45. BIEX TKUN HIENI

Qabel tiżżewweġ iftaħ għajnejk sewwa,
oqgħod attent li jkunu miftuħin;
meta tiżżewweġ żommhom sew magħluqa,
inkella almenu nofshom magħluqin.

## 46. IS-SIGARRI

Jgħidu fil-ġenna jkun hemm ferħ ta' dejjem,
xalar u daqq u għana bil-kitarri;
nittama li jkun hekk, u wkoll nittama
ma jkun hemm ħadd ipejjep is-sigarri.

## 47. WAQT IL-BALLU

Il-mara tixxadinja ġewwa s-sala,
ir-raġel mal-ħbieb jixrob ġewwa l-bar,
huwa konvint kemm għandu mara sewwa,
hija konvinta l'għandha raġel ħmar.

## 48. IL-MAQLUBA

Hemm ħafna teoriji dwar kif saret
il-ħofra tal-Maqluba ħdejn l-Imqabba;
sa hemm min jgħid ħaffirha wieħed Għawdxi
li kien tilef hemmhekk ħmistax-il ħabba.

## 49. PASKAL

Paskal dejjem attent kif jonfoq flusu,
u ħadd u ħadd fil-flus lilu ma qarraq;
għalhekk ma xtarax qabar matul ħajtu
għax seta' jagħti l-każ li jmut imgħarraq.

## 50. TEREŻ

Tereż miskina, għandha qalbha tajba:
kull meta tirkeb ġewwa karrozzin
iżżomm il-qoffa fuqha sabiex tnaqqas
il-pis, uż-żiemel ma jbatix, miskin.

## 51. TA' CORTIS

Kienu fis-sala lkoll, f'salt wieħed ħarbu,
twerżiq ta' tfal u kbar, għajjat ta' ħniena;
x'ġaralhom ta' Cortis? kulħadd jistaqsi;
dawk li ġrew għall-ajjut sabu wirdiena.

## 52. MARIJA X-XĦIĦA

Marija xħiħa żżejjed, dejjem tfaddal,
u qatt ma jkollha xejn li trid tarmih;
li kieku kienet tista', n-nifs li tarmi
tonfoħ it-tyres tal-karozza bih!

## 53. IL-PETIRROSS

Ommna n-Natura kienet tbis is-sider
tal-petirross u tkellmu ġo widnejh;
u billi kien ikollha ħafna lipstick
ħallietlu dabra ħamra fuq garġejh.

## 54. IX-XĦIĦA

Li kellha tagħżel il-jum kbir ta' meta
tal-ħajja tagħha jinżel is-siparju,
tagħżel l-aħħar tas-sena, għax inkella
tkun xtrat għalxejn biċċa mill-kalendarju.

## 55. DUN PAWL

Dun Pawl b'wiċċ iswed faħma u xagħru qotna
qisu xi negattiva ta' ritratt;
dnub m'għandux żewġ uċuh, għax kieku jista',
wiċċ ieħor juri almenu nhar ta' Ħadd.

## 56. IX-XEBBA XIĦA

Twarrab in-nies u tobgħod it-tfal kollha,
seftura lejl u nhar tal-qtates sħiħ;
u kull qattusa l' għandha ta' kull sena
b'vendikazzjoni tagħmel sitt ifrieħ.

## 57. L-AKBAR WEĠGĦA

Feliċ ħass ħafna wġiegħ fil-għomor tiegħu;
uġigħ meta subgħajh ħaditlu r-rota,
uġigħ ta' snien, 'mma l-akbar weġgħa meta
kellu joħroġ bilfors ta' bintu d-dota.

## 58. IŻ-ŻEWĠT IXJUĦ

Ma jaqblu f'xejn, u fuq kull ħaġa ġlieda,
ġlied fuq xi jsajru u kif sa jaqsmu l-ġid,
ġlied fuq l-inħir billejl, 'mma l-aqwa ġlieda
fuq min minnhom it-tnejn l-aktar marid.

## 59 MARÌ U PATIST

Meta Patist isir vampjun bir-rabbja
Marì tibda d-dmugħ traxxax bla dewmien;
u dak id-dmugħ in-nar tal-vampjun jitfi
daqs l-aqwa *fire-engine* ta' daż-żmien.

## 60. ĠORĠINA

Ġorġina ġġieldet man-namrat li kellha,
u għamlet sew bħal ommha, meta din
tilfet il-kas quddiem imħallef wieħed,
u appellat quddiem tliet imħallfin.